MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 69/2005

**Maltacom p.l.c. u b'digriet moghti mit-Tribunal datat 5 ta` Dicembru, 2007, isem is-socjeta attrici jrid jinqara GO p.l.c. minflok Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates, Dr Patrick Spiteri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates u Dr Godwin Muscat Azzopardi f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tliet mija u tnejn u disghin lira, sebgha u sittin centezmu rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku installat bejn Villa Mauramy u Villa Zimmerman

f’Ta Xbiex skond ma` kif jirrizulta minn dokumenti annessi ma` l-istess avviz u mmarkati Dok. A, B, C u D.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi datata 26 ta` Jannar, 2005, fejn fl-ewwel lok eccepixxa li s-socjeta` Muscat Azzopardi & Associates ma` kellha ebda *locus standi* f’din il-kawza peress illi din giet xolta f’Dicembru, 2000 u l-kontijiet mitluba huma kollha relatati wara din id-data. Inoltre li l-konvenut qatt ma kien responsabbli ghal hlas ta` tali kontijiet tant illi t-talba relattiva ghal dan is-servizz ma kinietx saret minn dan il-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut Dr Patrick Spiteri datata 27 ta` Jannar, 2005, fejn fl-ewwel lok ikkontesta l-istess b’manjiera generika u fit-tieni lok illi huwa ma ghandux jigi ritenut responsabbli *in solidum* ghad-djun tas-socjeta` Muscat Azzopardi, Spiteri and Associates.

Illi jigi notat li ghalkemm l-avukat Dr Adrian Muscat Azzopardi ghall-konvenut Dr Godwin Muscat Azzopardi kien gie awtorizzat li jaghti eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerni ai termini ta` l-Artikolu 2156 (f), Kap. 16, din baqghet ma gietx ipprezentata formalment u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni taghha.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta` Frar, 2008, fejn din il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati difensuri tal-konvenuti naqqsu li jidhru biex jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

Ikkunsidra.

Illi l-ammont mitlub f’dina l-kawza jinsab ikkonfermat bil-gurament ta` l-konsulent legali tas-socjeta` attrici Dr Keith Grech.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut Dr Godwin Muscat Azzopardi jafferma illi huwa kien telaq minn mal-Partnership Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates f'Dicembru tas-sena, 2000 u sa fejn jaf hu kull kont pendenti qabel din id-data kien imhallas. Fil-fatt josserva illi l-kont mitlub jirreferi ghal perjodu wara li huwa kien gia` telaq u wara li s-shubija kienet giet xolta. In kontro-ezami din il-parti tkompli tikkonferma illi max-xoljiment ta` l-ishubija, l-affarijiet kollha li kellhom x'jaqsmu ma` l-amministrazzjoni ta` l-istess inkluz il-hlas tal-kontijiet kienu f'idejn l-avukat Dr Patrick Spiteri anzi kienu f'idejh sa mill-bidu ta` l-ishubija cioe` mis-sena 1995. Jispjega wkoll illi wara li spiccat l-ishubija fis-sena 2000, Dr Patrick Spiteri baqa` jaghmel uzu mill-ufficini fejn kien installat is-servizz telefoniku in kwistjoni u kwindi assuma li dan is-servizz baqa` jintuza mill-istess Avukat Spiteri.

Illi l-konvenut Dr Patrick Spiteri baqa` qatt ma ressaq ebda provi in sostenn tar-risposta ntavolata minnu u / jew sabiex jikkontrobatti l-verzjoni moghtija mill-konvenut l-iehor, l-Avukat Dr Muscat Azzopardi.

Illi ghalhekk jidher li f'din il-kawza l-kwistjoni kollha ma hiex daqstant jekk il-kont huwiex dovut jew le izda pjuttost minn min huwa dovut.

Minn Dok. A, a fol. 2 tal-process jidher li l-ammonti dovuta jirreferu mis-sena 2001 'l hawn u cioe` kwindi fi zmien meta l-ishubija civili kienet gia` tinsab xolta.

Minn Dok B, a fol. 3 tal-process ghandu jirrizulta li l-ftehim biex jigi nstallat is-servizz in kwistjoni kien gie ffirmat minn certa Ms R. Vella li skond Dok C, a fol. 4 tal-process din il-firmatarja kienet Rosette Vella li dehret biex tiffirma ghan-nom ta` Dr Patrick Spiteri skond il-prokura specjali maghmula favur taghha b'mod partikolari sabiex jinghata s-servizz rikjest minghand il-Maltacom. Illi minn dawn id-dokumenti ghalhekk ghandu jirrizulta li r-*registered consumer* fil-fatt kien Dr Patrick Spiteri kif rapprezentat mill-imsemmija Rosette Vella. Is-socjeta` "Muscat Azzopardi, Spiteri & Associa" tidher biss bhala parti mill-

indirizz fejn ghandu jigi nstallat tali servizz (Dok B). Illi ghalkemm din il-persuna tidher li ffirmat *o.b.o. above* u cioe` f'isem is-socjeta` gie mnizzel ukoll *"re auth"* u kif gia` ntqal qabel tali awtorizzazzjoni inghatatilha biss minn Dr Spiteri kif ben osservat f'Dok C. Illi jinghad inoltre li skond ma` kif jirrizulta minn Dok D, a fol. 7 tal-process, it-talba ghat-tnehhija tas-servizz kienet saret minn Dr Patrick Spiteri.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li r-relazzjoni guridika li kienet inholqot mas-socjeta` attrici fuq is-servizz telefoniku in kwistjoni kienet unikament mal-konvenut Dr Patrick Spiteri u mhux mal-konvenuti l-ohra wkoll u kwindi huwa biss l-avukat Dr Patrick Spiteri li ghandu jirrispondi ghall-istess fil-konfront ta` l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Dr Godwin Muscat Azzopardi u kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut Dr Patrick Spiteri, jilqa` t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut Dr Patrick Spiteri u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess Dr Patrick Spiteri sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont minnhom mitlub fis-somma ta` €914.68 (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut Dr Patrick Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------